MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 792/2008

**Lombard Bank Malta plc**

**vs**

**Claude u Marcelline konjugi Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li ppremettiet illi kienet ikkoncediet facilita' ta' self lill-konvenuti Claude u Marcelline konjugi Muscat, u in forza ta' din il-facilita', Lombard Bank Malta plc jinsab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' elf, erba' mija u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmim (€1,470.47), rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-*loan account* skond *statement*, bl-interessi kkalkolati sat-23 ta' Settembru, 2008, oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-24 ta' Settembru, 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti.

Ghalhekk, il-Bank attur qed jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna l-konvenuti jigu kkundannati *in solidum* ihallsu l-imsemmi ammont ta' elf, erba' mija u sebghin Euro u erbgha u sebghin centezmi (€1,470.47) lill-Bank attur, oltre l-imghaxijiet ulterjuri mll-24 ta' Settembru, 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali mill-24 ta' Settembru, 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi, minkejja li l-konvenuti gew debitament notifikati, ma giet ipprezentata l-ebda risposta.

Deher rapprezentant tal-Bank attur li kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut ghaliex sa' dakinhar ma kienu saru l-ebda pagamenti.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi l-unika prova prodotta hija dik tal-Bank attur li kkonferma li l-ammont pretiz, u cioe' elf, erba' mija u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmi (€1,470.47) kien ghadu dovut u ma kienux saru xi pagamenti.

Il-konvenuti qatt ma pprezentaw xi kontestazzjoni fuq it-talbiet attrici u ghal dan it-Tribunal din mhix xejn ghajr ammissjoni tacita li l-istess ammont huwa dovut da parti taghhom.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jordna lill-konvenuti jhallsu lill-Bank attur s-somma ta' elf, erba' mija u sebghin Euro u erbgha sebghin centezmi (€1,470.47), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------